# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 22 ta' Frar, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 11/2022 ISB**

**Carmel Dominic K/A Karmenu Spiteri (K.I. 0415561M) u Theresa Spiteri (K.I. 0676161M) ġja azzjonisti u ġja diretturi tas-soċjeta C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tar-rikorrenti **Carmel Dominic K/A Karmenu Spiteri u Theresa Spiteri**, intavolat fl-4 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

1. *Jerġa idaħħal l-isem tas-soċjetà C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647) fir-reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess soċjetà titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiet imħassar; u*

2. *Jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali inderzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

U dan wara li ppermettew:

1. *Illi l-esponenti huma azzjonisti u sidien aħħara tas-soċjetà C.D.S. Aluminium Works Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C-15647 reġistrata fl-indirizz 75, Angels House, Triq tal-Ġebel, Birżebbuġa;*

2. *Illi ai termini tal-Artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta), l-intimat bagħat Ittra datata tnax (12) ta' Frar elfejn u għoxrin (2020), li permezz tagħha avża lid-Diretturi tas-soċjetà C.D.S. Aluminium Works Ltd, u ċioe l-esponenti Carmel Dominic K/A Karmenu u Theresa konjuġi Spiteri, li s-soċjetà naqset milli tirreġistra numru ta' dokumenti għal numru ta' snin, u għalhekk l-istess intimati ġew mitluba jinfurmaw lill-intimat jekk is-soċjetà kienitx għadha qiegħda topera (ittra annessa u mmarkata '***DOK A***');*

3. *Illi qabel xejn, għandu jiġi ritenut li għal numru ta' snin qabel ma ntbagħtet l-ittra surreferita mill-Intimat, l-esponenti kienu għaddejjin minn mumenti diffiċli f'ħajjithom, kemm finanzjarjament u anke b'relazzjoni mas-saħħa tagħhom. Nonostante dan, huma qatt ma waqfu milli jimpjegaw is-servizzi tal-accountant tagħhom sabiex dan tal-aħħar jipprepara u jintavola d-dokumentazzjoni kolla neċessarja sabiex jirrispettaw ir-rekwiżiti kolla li l-intimat jitlob minn kull Direttur ta' kull soċjetà reġistrata;*

4. *Illi nonostante s-surreferit, minħabba raġunijiet validi, kif sejrin jiġu spjegati lil din l-Onorabbli Qorti fil-mori tal-proċeduri tal-każ odjern, kien hemm miskomunikazzjoni u diżgwid relatat mal-istess, fejn l-esponenti ġew mgħarrfa illi s-servizz ingaġġat minnhom ma kienx qiegħed jiġi operat kif suppost u li d-dokumentazzjoni preparata ma kienitx qiegħda tiġi mgħarrfa u prodotta lill-intimat, nonostante li din kienet tkun lesta matul iż-żminijiet;*

5. *Illi di piu', għandu jiġi ritenut li kwalunkwe dokumentazzjoni u/jew avviżi mibgħuta mill-intimat ma kienux qiegħdin jiġu fil-pussess tal-esponenti stante li sfortunatament, il-fond li ġie indikat bħala l-indirizz reġistrat tas-soċjetà ma baqgħax jintuża għall-iskopijiet tiegħu, u għaldaqstant kien hemm wkoll nuqqas ta' informazzjoni rigwardanti s-sitwazzjoni li kienet qiegħda tinħoloq, u dan kif jista' jiġi ikkonfermat fil-mori ta' din il-kawża;*

6. *Illi kien biss tramite diffikultajiet mhux relatati ma' din il-kwistjoni li l-esponenti ġew mgħarrfa li d-dokumentazzjoni mitluba mill-intimat qatt ma kienet ġiet sottomessa għal numru ta' snin, u li is-soċjetà kienet ġiet mħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

7. *Illi s-soċjetà C.D.S. Aluminium Works Ltd effettivament ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji miżmuma mill-intimat, b'effett mil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (anness '**DOK. B**');*

8. *Illi l-esponenti ħassu ruħhom aggravati b'tali tħassir u għandhom kull interess illi l-istess soċjetà terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

9. *Illi jekk is-soċjetà C.D.S. Aluminium Works Ltd ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, l-esponenti sejrin isofru danni irreparabbli, billi l-assi tal-istess soċjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta, u ulterjorment, kwalunkwe kiri u/jew assenjament ta' artijiet u/jew propjetajiet f'isem is-soċjetà sejrin jintilfu indefinittivament;*

10. *Illi l-esponenti huma lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tas-soċjetà in kwistjoni, u sejrin għal dan il-għan u għall-attenzjoni ulterjuri tal-intimat jekk kemm il-darba dan jiddeċiedi illi ma jopponix din it-talba, jannettu d-dokumentazzjoni kolla preparata reċentement relatata mas-soċjetà (annessi **DOK Ċ**) u apparti minn hekk sejrin ikunu disposti jħallsu kwalunkwe pendenzi, bilanċi u penali li jkunu dovuti lill-intimat għal dan il-għan;*

Rat <u>**id-dokumenti**</u> ppreżentati mar-rikors (fol 8 sa fol 274)

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-4 ta' Marzu 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-4 ta' April 2022 fil-11:00 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 280) bid-dokument hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija C.D.S. Aluminium Works Ltd (C 15647) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fis-7 ta' Diċembru 1993;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2006 u l-aħħar prospett annwali illi ġie rreġistrat kien dak tas-sena 2007;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji;*
>
> *Illi in vista ta' suespost, ir-Reġistratur pproċeda u kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmakrati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, kif ukoll lill-uniku direttur tal-kumpanija fuq l-istess indirizz '75, Angels House, Triq tal-Ġebel, Birżebbuġa', datati, 12 ta' Frar 2020;*
>
> *Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fil-25 ta' Marzu 2020;*
>
> *Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija.*

*Illi fil-25 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanija fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistraur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-26 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fir-rikors qiegħed jiġi allegat li la l-kumpanija u lanqas id-direttur qatt ma rċevew l-ebda notifika minħabba l-fatt li l-fond li kien jintuża bħala indirizz kemm tal-kumpanija kif ukoll tad-direttur kien inbidel. Ta' min ifakkar li dan kollu huwa nuqqas ulterjuri min-naħa tal-kumpanija u l-uffiċċjali tagħha l-għaliex il-liġi hija ċara meta tgħid li ir-Reġistratur tal-Kumpaniji għandha tiġi nfurmata fi żmien erbatax-il ġurnata permezz ta' form Q meta jinbidel l-indirizz reġistrat tal-kumpanija u permezz ta' ittra meta jiġi mibdul l-indirizz ta' uffiċċjal tal-kumpanija. Dan kollu ma sarx u għaldaqstant ir-Reġistratur bagħtet in-notifiki fuq l-indirizz li ma kienx għadu korrett;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpaniji terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi fil-frattemp il-kumpanija bdiet tirreġistra bosta mid-dokumenti neqsin li kellha, tant illi l-unika dokumenti pendenti huma il-prospett annwali tas-sena 2021, il-kont annwali tas-sena 2017 flimkien ma' DD1 form u kif ukoll l-ittra li turi li il-kumpanija ġiet mogħtija il-kunsens biex tuża l-fond il-ġdid bħala indirizz reġistrat tal-kumpanija;*

*Illi l-ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR4,713.06.***

> *Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal **EUR11,111.50.***
>
> *Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat in-nota tar-rikorrent Carmel Dominic K/A Karmenu Spiteri intavolata fil-5 ta' April 2022 (fol 300) li permezz tagħha ippreżenta affidavit tiegħu stess b'dokumenti annessi (fol 301 sa fol 314).

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2022, deher l-Avukat Axl Camilleri għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Abigail Caruana għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza l-partijiet qablu li qed jaħdmu sabiex jiġu regolarizzati l-pendenzi kollha tal-kumpanija C.D.S. Aluminium Works mar-Reġistratur intimat.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Novembru 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-soċjeta` CDS Aluminium Works Ltd. (C-15647) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, r-rikorrenti, li huma azzjonisti u sidien aħħara tal-kumpanija **C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-25 ta' Marzu 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante partikolarment il-fatt li l-kumpanija għandha assi li sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrenti iddikjaraw mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huma kienu lesta li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni C.D.S. Aluminium Works Ltd u filfatt iddikjaraw li

lesti jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkunu f'posizzjoni li jirregolarizzaw l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent Carmel Dominic K/A Karmenu Spiteri jgħid li hu wieħed mid-diretturi, flimkien ma martu, tas-soċjeta C.D.S. Aluminium Works Limited (C-15647), li kellha l-indirizz tar-reġistrazzjoni tagħha fil-fond 75, 'Angels House', Triq tal-Ġebel Birżebbuġa, li kienet ir-residenza tal-istess rikorrenti.

Jispjega li fl-2010 hu u martu ma baqgħux jgħixu fl-imsemmi fond u bi żvista ma kienx bidel l-indirizz tar-reġistrazzjoni tal-istess kumpanija. Jgħid li minħabba li hu u martu mhumiex intiżi fl-obbligi tar-reġistrazzjoni tal-prospetti annwali, dejjem użaw is-servizzi ta' *accountants* sabiex jagħmlu dan.

Jispjega li l-*accountant* li kien ingaġġa bejn l-2008 u l-2020 dejjem ħallsu u tah l-informazzjoni kollha mitluba u kienet sorpriża għalih meta sar jaf li l-kumpanija kienet lura fis-sottomissjonijiet tagħha mar-Reġistratur intimata bil-konsegwenza li ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru.

Jgħid li meta sar jaf b'dan, ingaġġa *accountant* ġdid li beda jieħu ħsieb li jifformula u jissottometti d-dokumenti neċessarji u fuq parir tal-avukat fetaħ dawn il-proċeduri sabiex il-kumpanija tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru.

Jispjega li għaddejja ħidma sabiex kollox jiġi regolarizzat u m'hemm ebda problema sabiex jitħallas dak kollu li hu dovut lir-Reġistratur intimat. Jgħid li qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħu li jsib ruħu f'din is-sitwazzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li*

*l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammew kelmithom u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta’ dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun xieraq illi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa’ jdaħħal l-isem ta’ **C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b’hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta’ **C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fil-raba’ lok**, tordna illi l-ispejjes ta’ din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista’ jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **C.D.S. Aluminium Works Ltd (C-15647)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**